# IL-KUNSILL LOKALI TAŻ-ŻEJTUN

IŻ-ŻEJTUN
Città Beland
Frott iż-żebbuġ ismi

28, "Dar iż-Żwieten", Triq Sant' Anġlu, iż-Żejtun ZTN 1369, Malta
Tel: (+356) 21 663866
Fax: (+356) 21 663939
Email: zejtun.lc@gov.mt
Web: www.zejtunlocalcouncil.com


**Ref: ACT/CULT/WINE**

**Il-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju, 2013**

Sinjur/a,

**KOMPETIZZJONI TAL-INBID**

Il-Kunsill Lokali taż-Żejtun għat-12-il sena konsekuttiva se jorganizza l-Kompetizzjoni tal-Inbid. Din il-kompetizzjoni se tikkonsisti fi tliet kategoriji (Aħmar Dry, Abjad Dry, u Rosè). Kull prodottur tal-inbid jista' jieħu sehem f'aktar minn kategorija waħda u b'aktar minn flixkun wieħed f'kull kategorija. Prodotturi mhux miż-Żejtun jistgħu jieħdu sehem ukoll.

Il-kompetizzjoni ser issir bl-aktar mod trasparenti fejn il-ġurija bl-ebda mod mhux se jkun jafu l-inbid għal min jikkonċerna. Il-proċess kollu tal-kompetizzjoni ser issir quddiem il-pubbliku, fejn il-ġurija esperta joħorġu bir-riżultat finali dak il-ħin stess. Din is-sena din l-kompetizzjoni se tkun parti minn mill-attività 'FolkFest' li se tiġi organizzata minn Fondazzjoni Nazareth (ta' Dun Anġ Seychell) b'kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun. Bħas-soltu l-attività ser issir fl-arja sajfija ta' Ġnien San Girgor, iż-Żejtun, fejn min se jattendi jkun jista' wkoll iduq ikel Malti u jgawdi mal-familja bil-kant u d-divertiment li se jkun hemm fl-istess ġnien.

Ejja ħu sehem u ppremja ruħek bl-inbid li tipproduċi!

Tislijiet,

Anton Falzon
Segretarju Ezekuttiv

c.c. *Sean Chircop - Kunsillier Responsabbli mill-Kultura, Turiżmu u Edukazzjoni Għolja*

**N.B.** – Ma' din l-ittra għandek issib l-applikazzjoni biex tieħu sehem f'din il-kompetizzjoni. Għal aktar informazzjoni kkuntattja lill-Kunsill Lokali fuq 21663866 jew lill-Kunsillier responsabbli Sean Chircop fuq 99203815 jew chircop.sean@gmail.com.


SINDKU: ATTARD JOE, VIĊI-SINDKU: ABELA DORIS,
KUNSILLIERA: ABELA AMANDA, AGIUS JOAN, CAMILLERI CLAUDE C., CARUANA RAYMOND,
CHIRCOP SEAN, FENECH STEPHANIA, HALES JOE

SEGRETARJU EŻEKUTTIV: FALZON ANTON